**Minuti tal-Ħamsa u Għoxrin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Nadur**
**Nhar it-Tlieta, 2 ta' Gunju 2009 fis-7:30 p.m.**

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Miriam Portelli | Sindku |
| Charles Said | Viċi Sindku |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| Jonathan Buttigieg | Kunsillier |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

---------------------------------------------------------------------------------------------------

1. **Bidu tal-laqgħa.** Il-laqgħa bdiet b'talba u tmexxiet mis-Sindku Miriam Portelli.

2. **Approvazzjoni ta' Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru 24 tas-Sitt Kunsill Lokali u il-minuti tal-laqgħa pubblika ġew ikkoreġġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċċjali.

3. **Resurfacing ta' Toroq.** Bħal issa għaddej ix-xogħol ta' resurfacing fit-toroq Cimcem u Tramuntana. Fi Triq Cimcem nstabet fossa quddiem ir-ristorant Al Capone. Din għandha tingħalaq bil-konkos. Fi Triq it-Tramuntana quddiem ir-residenza ta' Bugeja hemm l-inspection tad-drenaġġ tagħhom dan suppost qiegħed fuq il-bankina iżda qiegħed fit-triq. Is-sid tal-propjeta ġiet mitluba tissuplixxi tappiera tal-ħadid sabiex titpoġġa fuq dan is-servizz.

4. **Tisqija.** Charles Said staqsa dwar kienet il-kwistjoni tat-tisqija tat-turf fi Triq Għajn Qasab. Is-Sindku nformatu li l-kuntrattur ġie avżat li t-turf mhux qiegħed fi stat tajjeb, dan għaliex għandu bżonn aktar ilma minn darba f'ġimgħa (it-tisqija tat-turf huwa parti mill-kuntratt tat-tender).

5. **Qtugħ ta' ħaxix.** Is-Sindku nformat lil Kunsill li għandu jinqata l-ħaxix fil-belvedere tal-ġebel l-aħmar. Dan huwa post frekwantat spiss fi żmien il-festa. Għandu jinqata wkoll il-ħaxix mill-passaġġ ta' Triq it-Tiġrija. Bħalissa l-ħaddiema qed jaqtgħu l-ħaxix fi Triq San Blas mill-Gnien l-isfel kif ukoll qed jinbena ċint biex il-karrozzi ma jaqbżux l-isfel. Hemm bżonn li jsiru s-sinjali tal-parking ukoll (qabel in-niżla tal-port).

6. **Kuntratt tal-knis.** Il-Kunsill ma rċieva xejn mingħand l-ETC dwar ħaddiema assenjati mal-Kunsill. Għalhekk il-Kunsill ser jieħu deċiżjoni dwar l-offerti tal-knis. Charles Said għamel mozzjoni verbali sabiex l-offerti tal-knis jingħataw lil Salvu Xiberras, Carmel Camilleri u Ivan Xuereb (il-kuntratturi eżistenti), peress li dawn kollha tefgħu l-offerti u l-Kunsill huwa kuntent bis-

servizz tagħhom. Miriam Portelli, is-Sindku ziedet li l-orħos hija baxxa ħafna u mhix viabli meta wieħed iqis li minn se jaħdemha irrid iħallas il-bolla minn l-ammont mitlub. Rita Mifsud issekondat il-mozzjoni. Jonathan Buttigieg ma qabilx ma din il-mozzjoni u qal li l-Kunsill m'għandux provi li l-kuntratturi bl-orħos prezz mhux ser jagħmlu xogħol tajjeb. Maria Natoli ma qablitx mal-mozzjoni. Il-mozzjoni għaddiet bi tlett voti favur u tnejn kontra. Jonathan Buttigieg talab lis-segretarja sabiex tikkalkula d-differenza bejn l-orħos prezzijiet mitfugħha u dawk mogħtija.

7. **Korsijiet.** Il-Kunsill ħareġ flyer mal-bulletin bil-korsijiet li qed joffri matul ix-xhur tas-sajf u Child Day Care centre. Il-Kunsill ġie offrut ukoll li jsiru korsijiet tal-Germaniz. Dan l-avviż għandu jidher fil-gazzetta tal-Kunsill.

8. **Newsletter.** Is- Sindku spjegat kif se tkun maqsuma l-gazzetta tal-Kunsill. Charles Said issuġġerixxa li fuq in-Newsletter jidher artiklu dwar Joe Meilak, minn Nadur li kien innominat bħala ħaddiem tas-sena.

9. **Cat Café.** Nhar il-Ħadd 7 ta'Gunju ser ikun hawn Steve Goody, id-Direttur tal-Blue Cross, wieħed mill-isponsors tal-proġett tan-neutering li sar fin-Nadur. F'din il-ġurnata ser issir il-launching tal-Cat Café fi Triq San Gakbu (post fejn il-qtates tat-triq imorru biex jieklu). F'din it-triq diġa hemm persuna jieħu ħsieb dan il-qtates iżda il-post huwa żmattat. Il-Kunsill ħa ħsieb biex jagħmel kenn għal dawn il-qtates bl-injam.

10. **Proġett taż-Żgħażagħ.** Il-Kunsill taż-żgħażagħ ġie magħżul biex jieħu sehem f'proġett u ser imorru Londra f'Awissu għal madwar ħmistax.

11. **Korrispondenza.**

(2235) Ittra minghand il Ministeru ghal Ghawdex dwar 'Settlement of payments due to government departments'
(2236) Ittra minghand il-MEPA dwar Triq Wied Bingemma
(2237) Ittra minghand ic-Centru Parrokkjali dwar Jum iz-Zaghzagh
(2238) Ittra minghand ir-residenti ta' Triq il-Knisja dwar il-bejjiegha ta' ikel tal-festa
(2239) Ittra minghand is-Segretarja Board ta' Evalwazzjoni dwar skema Energy Saving
(2240) Memo 32/2009 dwar Uzu tar-Rezorsi tal-Kunsill Lokali
(2241) Ittra minghand Natalino Attard dwar avvizi fuq il-gazzetta
(2242) Memo 33/2009 dwar Regolamenti ta' l-2009 dwar il-Kunsilli Lokali
(2243) Ittra minghand OPM dwar European Destination of Excellence
(2244) Memo 34/2009 dwar Mistoqsija Parlamentari No 8904
(2245) Ittra minghand il-MEPA dwar Startement of funds
(2246) Memo no 31/2009 dwar Rapport dwar l-Efficjenza tal-Kunsilli Lokali
(2247) Ittra minghand MEPA dwar "Architects Certification on UIF Funded Projects"

12. **Programmi ta' l-UE.** Il-Kunsill talab lill MEUSEC għajnuna sabiex issib programmi ta' l-UE għall-anzjani (biex nieħduhom żjara mal-pajjiżi ġemellati

magħna) u għaż-żgħażagħ biex issiru attivitajiet bħal Mayfair iżda ikunu fuq skala ikbar.

13. **CCTV.** Il-Kunsill iddeċieda jixtri żewġ CCTV sabiex jitwaħlu f'postijiet fejn hemm lok ta' vandaliżmu.

14. **Kiosks ta' l-Imnarja.** Il-Kunsill irċieva petizzjoni ffirmata mir-residenti ta' Triq il-Knisja dwar it-trakkijiet li tpoġġew hemm fil-jiem tal-festa. Huma talbu sabiex dawn ma jerġgħux jitpoġġew hemm. Il-Kunsilliera ddiskutaw din is-sitwazzjoni. Charles Said qal li l-festa hija tar-residenti u mhux tal-kiosks u għalhekk il-Kunsill għandu jsib post għall-kiosks li ma jkunx ta' nkonvenjent għar-residenti. Jonathan Buttigieg ma qabilx ma dan u qal li l-kiosks għandhom jitħallaw fejn kienu s-sena l-oħra. Il-Kunsilliera l-oħra qablu ma Charles Said. It-trakkijiet ser jitpoġġew fil-kantuniera ta' Triq il-Knisja ma Triq Lazru Pisani fejn hemm għalqa vojta mentri l-kiosks iż-żgħar ser jitpoġġew ħdejn iċ-Ċentru Parrokkjali. Il-kiosks tat-toys ser jibqu fil-Pjazza iżda mhux quddiem ir-residenzi fejn kien hemm ilmenti (quddiem tal-Familja Tabone fil-Pjazza San Pietru u San Pawl u l-familja Tabone fil-kantuniera ta' Triq it-Tramuntana kif ukoll quddiem ir-residenża ta' Sciberras fi Pjazza 28 ta' April 1688 u l-familja Cauchi fi Pjazza 28 ta' April 1688. Lis-stand tal-qubbajt ser tibgħa fejn hi kif ukoll tal-ġelat. Il-Kunsill iddeċieda li ma jaċċetax applikazzjonijiet ġodda għat-trakkijiet kbar peress li m'hemmx spazju għalihom.

15. **Skema Energy Saving.** Il-Kunsill tan-Nadur applika sabiex jieħu fondi biex jagħmel proġett ta' Energy Saving ma grupp ta' kunsilli lokali oħrajn. Il-Kunsill talab €7500 iżda ġie allokat biss €2300. l-Inġinier Renzo Curmi ser jara jekk il-Kunsill hux ser jieħu aktar fondi jekk ikun hemm kunsilli li ma jkomplux bil-proġett.

16. **Kwotazzjonijiet.** Il-Kunsill talab kwotazzjonijiet għal PA system, dawl u tindiff għall-Imnarja. Dawn kienu tindif ta' Anthony Mercieca bil-prezz ta' €65 fis-siegħa u €80 kull scammel. Kienet offerta waħidha. Il-Kunsill aċċetta din il-kwotazzjoni. Għad-dawl kien hemm żewġ kwotazzjonijiet li kienu ta' Peter Paul Azzopardi bil-prezz ta' €269.42 u 2ceeMedia bil-prezz ta' €377.60. Il-Kunsill għazel il-kwotazzjoni ta' Peter Paul Azzopardi. Għas-sistema tal-PA System daħlu żewġ kwotazzjonijiet. Dawn kienu ta' Power Sound bil-prezz totali ta' €480 u 2ceeMedia bil-prezz ta' €566.40. Il-Kunsill għazel il-kwotazzjoni ta' Power Sound. Il-Kunsill talab kwotazzjoni għall-PA system tal-Wine Festival. Daħlu tlett kwotazzjonijiet. Dawn kienu ta' Sound Solutions bil-prezz ta' €1770, Power Sound €988.99 u 2ceeMedia €708. Il-Kunsill għażel il-kwotazzjoni ta' 2cee Media u nnotaw li dawn diġa ħadmu l-Christmas Market 2008 u Mayfair 2009 u kellhom sound tajjeb.

17. **Wirja Agrarja.** Il-Kunsill ġabar xi sponsors għall-attivita tal-Wirja Agrarja mill-Ministeru għal Għawdex, KIP Għawdex Ltd. u Smart Stationery. Is-Sindku u Segretarju għażlu xi tifkiriet li jistgħu jingħataw lill-parteċipanti tal-Wirja Agrarja. Il-Kunsilliera għażlu wieħed mit-tifkiriet li ġew magħżula.

18. **Xalata.** Il-Kunsill informa lill-għaqdiet kollha ta' l-armar tal-festa dwar ix-xalata u offra lil dawk interressati sabiex jieħdu sehem f'din l-attivita ta' fund raising. Il-Kunsill iddeċieda li jekk ikun hemm ħafna nterressati f'dawn il-postijiet (tombla, ikel, drinks u ħelu) jittelgħu bix-xorti. Il-Kunsill irċieva applikazzjonijiet mill-għaqdiet kollha tal-festa għalhekk ittelgħu bix-xorti. F'dan il-ħin kienu preżenti żewġ membri ta' l-Għaqda Armar Triq Diċembru 13. Itellgħu Għaqda Armar Triq Dicembru 13 għat-tombla; Soċjeta Filarmonika Mnarja għal-ikel; Kummissjoni Arbli għad-drinks; u Spettaklu tan-Nadur 28 ta' Gunju għal-ħelu.

19. **Sotto Kumitat.** Maria Natoli qalet li peress li hi ġiet iddeligata x-xogħol dwar il-Ġemellaġġi għażlet li tagħmel sotto kumitat għal dan il-għan. Hi ssuġġeriet dawn il-membri: Peter Mifsud, Maria Galea, Peter Paul Buttigieg, Ines Buttigieg u Dr. Mario Saliba. Ma' dawn il-membri jkun hemm ukoll il-kunsilliera. Il-Kunsilliera qablu ma' dawn il-membri.

20. **Patching.** Hemm bżonn ta' patching fit-toroq Buskett, Targa, Diċembru 13 u fejn ta' Xordin (minn Triq Għajn Qasab sa fejn l-iskips.)

21. **Premju San Nikola.** Il-Kunsill irċieva formola ta' nominazzjoni għall-Premju San Nikola. Ġie ssuġġerut Dun Salv Pace. Il-Kunsilliera qablu ma din in-nominazzjoni. Maria Natoli ser tieħu ħsieb timla n-nominazzjoni.

22. **Financial Statements.** Gew ippreżentati l-financial statements mill-awditur tal-Gvern. Dawn ġew approvati mill-Kunsill.

23. **Kontijiet.** Kontijiet li ġew approvati:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 8750 | Miriam Portelli | 324.99 | May Allowance |
| 8751 | Rita Mifsud Attard | 1411.01 | May Salary |
| 8752 | Sue Ellen Bugeja | 957.30 | May Salary |
| 8753 | CIR | 913.36 | May |
| 8754 | Anthony Mercieca | 113.53 | refuse collection |
| 8755 | Galea Curmi Engineering Cons. | 96.62 | contract manager |
| 8756 | Mr. Signs | 50.00 | cat café sign |
| 8757 | Smart Office Supplies Ltd. | 6.65 | stationery |
| 8758 | P&J Debono Cons. Ltd. | 924.87 | cement |
| 8759 | Elizabeth Azzopardi | 47.18 | April & May |
| 8760 | John Ivan Xuereb | 910.70 | sweeping & attendent |
| 8761 | Saviour Xiberras | 1742.28 | handyman, sweeping soft area |
| 8762 | Radu Gheorghe | 60.00 | Adults on the Move |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 8763 | Carmel Mifsud | 794.88 | hire of equipment |
| 8764 | Saviour Meilak | 113.05 | public convenience |
| 8765 | Ray's Catering Service | 74.34 | reception |
| 8766 | Land Department | 698.81 | premises |
| 8767 | Seymour Bartolo | 15.00 | flyers |
| 8768 | Mario Cassar | 93.17 | flag service |
| 8769 | Joseph Camilleri | 40.00 | spare parts |
| 8770 | GO plc | 212.15 | telephone & Fax |
| 8771 | Joseph Cauchi | 444.00 | public garden & convenience |
| 8772 | Charles Bezzina | 21.00 | books for library |
| 8773 | Richard Cauchi | 1141.27 | street lighting |
| 8774 | Robert Grech | 2000.00 | plans for square embellishment |
| 8775 | Chev Frank Gatt | 68.25 | books |
| 8776 | Roy Perry | 550.00 | Map design |
| 8777 | Cottage Products (Gozo) Ltd. | 788.48 | trees |
| 8778 | Charter of European Rural | 401.00 | Membership09 |
| 8779 | Joseph Falzon | 47.00 | cameras |
| | Total | €15,100.89 | |

Il-laqgħa ntemmet fid-21.30



**Miriam Portelli, Sindku** **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**